# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2020

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 624/20TA**

**William Cuschieri, avukat, ġuvni, iben John Mary Cuschieri u Mary Therese nee' Carabott, imwieled Pieta' nhar il-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (21.01.1982) u residenti wieħed u sittin (61), Triq Ċejlu Tonna, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 70582 (M)**

**vs**

**Sebastiano Garufi, pensjonant, iben Agatino Garufi u Maria nee' Pagano, imwieled Fiume Freddo, Sqallija, Italja nhar l-għaxra ta' Awissu tas-sena elf disa' mija disgħa u erbgħin (10.08.1949) u residenti numru tlieta u tletin (33), Triq San Enriku, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 31646 (A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' William Cuschieri tat-3 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 deher Dr. Leslie Cuschieri għall-intimat Sebastiano Garufi u ta ruħu notifikat bl-atti;

Rat il-verbal li sar minn Dr. Leslie Cuschieri fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020;

Semgħat ix-xhieda ta' Dr. William Cuschieri fis-seduta imsemmija;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-verbal magħmul minn Dr. Leslie Cuschieri għall-intimat Sebastiano Garufi, huwa manifestament ċar li jirrisulta li jesistu l-elementi kollha għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jintalab.

Għaldaqstant għar-raġunjiet fuq imsemmija, din il-Qorti fil-waqt li qed tikkonferma d-digriet provviżorju tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020, qed tilqa' b'mod definittiv it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors tat-3 ta' Ġunju 2020 u konsegwentement tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv sabiex l-imsemmi Sebastiano Garufi jiġi miżmum milli jbiegħ, jitrasferixxi, jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, inkella jgħabbi b'xi dritt jew piż, rejali jew personali, favur terzi, jew xi parti jew sehem diviż jew indiviż minnu, jew iċedi jew jirrinunzja għal xi jedd li għandu, jew jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku u/jew fir-Reġistru tal-Artijiet kwalsiasi trasferiment jew kostituzzjoni ta' dritt, fuq il-fond bin-numru uffiċjali ta' tlieta u tletin (33), Triq San Enriku, Sliema, liberu u frank, bl-arja libera tiegħu

sovrastanti u bis-sottosuol, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu kif soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u temporanju u mhux revedibbli ta' ewro u tmienja u disgħin ċentezmu (€1.98) pagabbli lill-Uffiċċju Konġunt għall-perjodu rimanenti mill-konċessjoni emfitewtika.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjes tal-presenti a' karigu tal-intimat.

**Mogħti kameralment illum, 31 ta' Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**